Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 51/2007/2

**Michael Mifsud u martu Dolores Mifsud** **(appellanti)**

**Vs**

**Ghaqda Muzikali Imperial** **(appellat)**

18 ta' Dicembru, 2018.

1. Il-kawza titratta dwar il-fond 92, Triq George Borg Olivier, Mellieha li l-konvenuta tikri minghand l-atturi ghall-kera ta' hames liri Maltin (Lm5) kull sitt xhur bil-quddiem. L-atturi harrku lill-konvenuta sabiex ma jgeddux il-kirja minhabba li:

   i. Il-fond m'ghadux jintuza biss bhala banka tal-lottu kif originarjament miftiehem;
   ii. Ma jinfetahx kuljum;
   iii. L-atturi ghandhom bzonn il-fond ghall-uzu personali taghhom;
   iv. Saret sullokazzjoni jew cessjoni minghajr il-permess espress tas-sid.

2. B'sentenza tal-10 ta' April, 2018 il-Bord Li Jirregola l-Kera cahad it-talba.

3. L-atturi appellaw mis-sentenza bl-aggravji jkunu:

   i. Il-konvenuta ssullokat il-fond gialadarba:

      (a) Hemm nuqqas ta' interess u kontroll fin-negozju;
      (b) Ghal dak in-negozju, il-konvenuta qeghda tircievi kummissjoni minghand Maltco Lotteries Limited;

   ii. Il-fond m'ghadux jintuza bhala banka tal-lottu kif originarjament mikri.

4. Il-konvenuta ma pprezentatx twegiba bil-miktub.

**<u>L-Ewwel aggravju.</u>**

5. Jibda biex jinghad li ghal finijiet tal-Kap. 69, banka tal-lottu tikkwalifika bhala hanut (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell, **Emmanuele Rech vs Albert Cortis** tal-20 ta' Mejju, 1960 (Vol. XXIV.i.145).

6. Mill-provi rrizulta li l-kirja bdiet f'Jannar, 1964. Imbaghad fis-27 ta' Marzu 2004 Maltco Lotteries iffirmat kuntratt ma' Edward Vella u nkarigatu sabiex ibiegh il-prodotti. Mill-bidunett jirrizulta li l-kirja kienet ta' banka tal-lottu (ara ricevuta a fol. 169). Pero' m'hemmx prova meta l-ewwel darba l-fond oggett tal-kawza, li jikkonsisti f'kamra wahda biss, beda jintuza bhala banka tal-lottu.

7. Skont il-ligi, banka tal-lottu jrid ikollha ricevitur. Dan ma jintghazilx mis-sid jew l-inkwilin tal-fond. Skont ir-regolamenti li sa ftit ilu kien ghadhom fis-sehh, ir-ricevitur kien jintghazel mill-Ministru responsabbli ghall-Finanzi. Inoltre kien hemm numru ta' banek tal-lottu li jigu assenjati lill-klabbs tal-banda u socjetajiet ohra, u dan skont ma kienu jipprovdu l-Public Lotto Regulations (L.S. 70.03). Bhall-banek tal-lottu ohra, ikun hemm ricevitur mahtur mill-Ministru. Il-klabb tal-banda m'huwiex ir-ricevitur u n-negozju ma jkunx tal-klabb ghalkemm ikun qieghed igawdi minn dak in-negozju billi jircievi l-kummissjoni.

8. L-ghan wara l-assenjazzjoni ta' banek tal-lottu lill-klabbs tal-banda u socjetajiet ohra kien sabiex ikollhom dhul iehor. Ir-relazzjoni taghhom ma tkunx direttament mar-ricevitur, izda mad-Dipartiment tal-Lottu li kien ihallashom kummissjoni mid-dhul. Dan kif jirrizulta per ezempju minn ittra datata 28 ta' Jannar, 1991.[1] Imbaghad gie zmien fejn il-kummissjoni li kien ihallas id-Dipartiment bdiet tithallas minn Maltco Lotteries Limited. Dan wara li fl-2004 dik il-kumpannija inghatat in-National Lottery Licence sabiex tmexxi loghob li qabel kien jitmexxa mid-Dipartiment tal-Lottu.

9. M'hemmx provi li l-appellanti kriet il-fond jew cediet il-kirja lil haddiehor. Lanqas m'hemm prova li dak li nghad qabel u li ilu fis-sehh kemm ilha tezisti l-kirja, inbidel.

10. Mehud in konsiderazzjoni dawn ic-cirkostanzi, l-ewwel aggravju hu michud.

**<u>Tieni aggravju.</u>**

11. L-ilment tal-atturi hu li,

> *"…. Llum il-gurnata fil-fond in kwistjoni l-loghob ma huwiex limitat biss ghall-lottu izda jinkludi kull loghba u lotterija offerta mill-Maltco….*
>
> *Fil-mument illi fih inkriet il-Banka dak li kien previst li jsir mill-banka jismu mieghu bejgh ta' lottu u l-ebda generu ulterjuri ta' loghob li jmur oltre minn hekk. Hija l-umli opinjoni tal-appellanti illi d-disponibbilta ta' diversi loghob li jmorru ben oltre minn da prevvist fil-mument tal-kirja jissarfu f'tibdil fl-uzu".*

[1] Fol. 119.

12. Originarjament minn banka tal-lottu kienu jinbieghu biljetti tal-lottu u tal-lotterija nazzjonali. Mill-provi jirriżulta li mill-fond oggett tal-kawza ghadhom jinbieghu biljetti tal-lottu (ara per ezempju deposizzjoni ta' Dr Alison Mifsud). Pero' ovvjament matul iz-zmien gie ntrodott loghob iehor *of chance*, u dan ovvjament ghaliex l-industrija tal-*gaming* kibret ferm. Tali fatt ma jfissirx li kien hemm xi bdil fid-destinazzjoni tal-kirja. In-negozju kien u baqa' dejjem il-bejgh ta' prodotti relatati mal-loghob tal-azzard.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell u tikkonferma dak deciz mill-Bord f'dan ir-rigward, bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.